MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1575/2002

***Saviour sive Silvio Tanti***

***vs***

***I.R.I.S. Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u disgha liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm309.17c) rappresentanti

ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lill-attur u dana rizultanti minn deduzzjonijiet bla ebda dritt effetwati mis-socjeta' konvenuta mill-paga ta' l-attur ta' Settembru 2001, illi kien l-ahhar xahar illi fih l-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1405/02 ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati fis-17 ta’ Gunju 2002 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-attur Saviour sive Silvio Tanti, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur s-somma ta’ tlett mija u disgha liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm309.17c), kif ukoll l-imghaxijiet legali.
L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru bin-numru 1405/02 ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati fis-17 ta’ Gunju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**